Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2414

19.11.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 211/2026

tal-10 ta' Lulju 2026

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2026/2414]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1504 tat-22 ta' Frar 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika r-regoli proċedurali għall-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu imposti multi jew pagamenti perjodiċi ta' penali mill-Awtorità Bankarja Ewropea fuq l-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti u fuq l-emittenti tat-tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31rw (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/419) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"31rx. **32024 R 1504**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1504 tat-22 ta' Frar 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika r-regoli proċedurali għall-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu imposti multi jew pagamenti perjodiċi ta' penali mill-Awtorità Bankarja Ewropea fuq l-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti u fuq l-emittenti tat-tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti (ĠU L, 2024/1504, 30.5.2024).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 1, il-kliem "u, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "(EBA)".

(b) Fl-Artikolu 2:

(i) fil-paragrafi 1 u 5, il-kliem "u, skont il-każ, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "EBA";

(ii) fil-paragrafu 2, għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, meta fajl ma jkunx komplut, l-EBA għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA b'dan. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tagħmel talba motivata għal dokumenti addizzjonali lill-uffiċjal tal-investigazzjoni.";

(iii) fil-paragrafu 3, il-kliem "jew, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "din";

(iv) fil-paragrafu 4, għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, meta l-EBA taqbel mas-sejbiet kollha tal-uffiċjal tal-investigazzjoni jew ma' xi wħud minnhom, din għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar dan. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma lill-persuna soġġetta għal investigazzjoni kif xieraq. Tali komunikazzjoni għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien ta' mill-inqas ġimagħtejn f'każ li l-EBA taqbel mas-sejbiet kollha, u mill-inqas erba' ġimgħat f'każ li l-EBA ma taqbilx mas-sejbiet

([1]) ĠU L, 2024/1504, 30.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1504/oj.

kollha, perjodu li fih il-persuna soġġetta għal investigazzjoni tista' tagħmel sottomissjonijiet bil-miktub. L-EBA, qabel ma tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA m'għandhiex tkun obbligata li tqis sottomissjonijiet bil-miktub li jaslu wara l-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar ksur u dwar miżuri superviżorji u l-impożizzjoni ta' multa skont l-Artikoli 130 u 131 tar-Regolament (UE) 2023/1114.";

(v) fil-paragrafu 6, il-kliem "jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara "EBA".

(c) Fl-Artikolu 3:

(i) fil-paragrafi 1 u 3, il-kliem "jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "EBA";

(ii) fil-paragrafu 2, il-kliem "u, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "EBA".

(d) fl-Artikolu 4:

(i) fil-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni subparagrafu u l-paragrafu 2, il-kliem "jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "EBA";

(ii) fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu, il-kliem "u, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "EBA";

(iii) fil-paragrafu 1, ir-raba' subparagrafu, il-kliem "u, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "EBA";

(iv) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu u l-paragrafu 3, il-kliem "jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "EBA";

(v) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, meta l-EBA tqis, wara li tkun semgħet lill-persuna soġġetta għad-deċiżjoni interim, li twettaq ksur kif stabbilit fl-Anness V jew VI tar-Regolament (UE) 2023/1114 mill-persuna soġġetta għad-deċiżjoni interim, hija għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA b'dan. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tadotta deċiżjoni konfermatorja li timponi miżura superviżorja waħda jew aktar stabbiliti fl-Artikolu 130 tar-Regolament (UE) 2023/1114. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-ESMA għandha tinnotifika minnufih din id-deċiżjoni lill-persuna soġġetta għad-deċiżjoni interim.".

(e) Fl-Artikolu 5:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "u, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-ewwel darba li tintuża l-kelma "EBA";

(ii) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, skont il-każ, tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal it-tieni darba li tintuża l-kelma "EBA".

(f) fl-Artikolu 6:

(i) fil-paragrafu 3 u fil-paragrafu 4, il-kliem "jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma "EBA";

(ii) fil-paragrafu 5, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"It-terminu ta' preskrizzjoni biex jiġu imposti multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali għandu jiġi sospiż sakemm id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-EFTA tkun soġġetta għal proċedimenti quddiem il-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 35 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.".

(g) fl-Artikolu 7:

(i) fil-paragrafi 1 u 3, il-kliem "jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "EBA";

(ii) fil-paragrafu 5(b), il-kliem "jew, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, rieżami mill-Qorti tal-EFTA f'konformità mal-Artikolu 35 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'tar-Regolament (UE) 2023/1114"."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2024/1504 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2026, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 41/2025 tat-20 ta' Frar 2025 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, fl-10 ta' Lulju 2026.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Pascal SCHAFHAUSER

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([2]) ĠU L, 2025/765, 8.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/765/oj.